# L-AKKADEMJA TAL-MALTI (1920)

www.akkademjatalmalti.com

**Ċelebrazzjoni f'ġieħ Patri Mikiel Fsadni u Prof. Godfrey Wettinger f'għeluq l-erbgħin sena mix-xandir tas-sejba tal-Kantilena**

Kien xieraq tassew li l-Akkademja tal-Malti torganizza serata f'ġieħ Patri Mikiel Fsadni u l-Prof. Godfrey Wettinger bħala apprezzament għar-riċerka kbira tagħhom li biha huma fetħu l-istudju fuq il-Malti bikri. Bis-sehem tagħhom l-istorja ta' lsienna stagħniet mhux ftit. Għalhekk f'għeluq l-erbgħin sena mit-tħabbira tas-sejba tal-Kantilena, nhar l-Erbgħa, 5 ta' Novembru 2008 l-pubbliku attenda bi ħġaru fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat, biex igawdi programm imżewwaq li kien fih il-qari tal-poeżija bil-Malti medjevali minn Dr Martin Zammit; id-daqq ta' melodiji medjevali mill-Ġukulari Ensemble u taħdita fuq il-Kantilena mill-Prof. Alexander Borg.



L-Għanja ta' Pietru Caxaru nstabet miż-żewġ studjużi fit-22 ta' Settembru 1966 iżda kien wara sentejn ta' studju li ż-żewġ riċerkaturi ħabbru li kienu sabu poeżija bil-Malti medjevali. Fil-konferenza stampa li saret nhar id-29 ta' Ottubru 1968, Patri Mikiel Fsadni u Godfrey Wettinger, li aktar tard inħatar professur tal-Istorja, ippreżentaw il-ktieb *Peter Caxaro's Cantilena – a poem in medieval Maltese*. Patri Fsadni dak iż-żmien kien qed ifittex fuq l-istorja tad-Dumnikani f'Malta filwaqt li Prof. Wettinger kien qed jirriċerka fuq l-ilsiera. It-tnejn li huma kienu wrew ix-xewqa li jsibu xi ħaġa bl-ilsien Malti... u qatt ma basru li kienet se tmisshom ix-xorti mistħoqqa li jsibu l-għanja ta' Pietru Caxaru.

Il-Kantilena qraha Dr Martin Zammit, lettur tal-Għarbi fl-Università ta' Malta, skont ir-regoli fonoloġiċi li kienu mħaddma fil-Malti medjevali. Din kienet okkażjoni tad-deheb għal min iħobb il-letteratura, speċjalment l-irreċtar tal-poeżiji fil-pubbliku.

Il-mużika medjevali kienet fi ħsieb il-Ġukulari Ensemble li rabtu isimhom ma' preżentazzjonijiet mużikali li jirrispettaw l-awtentiċità storika.

It-taħdita għamilha l-Prof. Alexander Borg li jgħallem l-Università tan-Negev, Iżrael, u għall-ewwel darba ppreżenta studju tiegħu fuq il-Kantilena. Fi kliem il-Prof. Borg, il-Kantilena toffri tagħrif lingwistiku ġdid anke jekk dehru għadd ta' studji interessanti mill-1968 'il hawn. It-taħdita tiegħu tinteressa lil kull min iħobb il-Malti u l-qdumija tiegħu.

Il-lejla tal-Kantilena saret fil-Knisja tad-Dumnikani, ir-Rabat, bil-patroċinju tal-President ta' Malta, Dr Eddie Fenech Adami. Mexxa l-programm is-Sur Toni Cortis. Tagħrif ieħor fuq il-Kantilena jinsab fis-sit tal-Akkademja tal-Malti.







## Se jsiru żewġ seminars fil-Mużew Palazzo Falson b'rabta mal-Kantilena fil-Festival Medjevali tal-Imdina

L-Akkademja tal-Malti bi sħab mal-Mużew Palazzo Falson qed jorganizzaw żewġ seminars b'rabta mal-Kantilena għal matul il-Festival Medjevali tal-Imdina dan ix-xahar.

Nhar is-Sibt, 18 ta' April 2009, se ssir taħdita mill-Prof. Stanley Fiorini bit-titlu "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaro: bejn lingwa u storja". Imbagħad il-Prof. Manwel Mifsud se jaqra l-Kantilena bil-Malti medjevali. Titilfuhiex!

L-għada l-Ħadd se ssir taħdita mill-Prof. Godfrey Wettinger wara li Dr Martin Zammit jaqra l-Kantilena. Titilfux lanqas din!

Iż-żewġ seminars idumu siegħa kull wieħed, mill-10:00 sal-11:00 ta' filgħodu u jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet. Is-Sur Toni Cortis jintroduċi u jmexxi s-seminars.

Id-dħul għas-seminars huwa b'xejn imma billi l-postijiet huma limitati ħafna, min huwa interessat jattendi għandu jibbukkja minn qabel billi jċempel 2145 4512 jew jibgħat ittra-e lil: bookings@palazzofalson.com.

L-Akkademja tal-Malti tiżżi ħajr lill-kuratur tal-Mużew Palazzo Falson, is-Sa Francesca Balzan, għall-għajnuna tagħha biex isiru dawn is-seminars.



**Ġieħ mistħoqq lil Patri Mikiel Fsadni, Lino Spiteri u l-Prof. Joe Friggieri**

Bħala parti mill-anniversarju importanti tat-tħabbira tas-sejba tal-Kantilena, l-Akkademja tal-Malti ħadet ħsieb tressaq in-nomina ta' Patri Mikiel Fsadni għall-Ordni Nazzjonali tal-Mertu. In-nomina tal-Akkademja kienet sekondata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università, mill-Istitut tal-Lingwistika tal-Università, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

L-ekonomista Lino Spiteri u l-Prof. Joe Friggieri, it-tnejn membri tal-Akkademja tal-Malti, ukoll ingħataw dan il-ġieħ fl-istess okkażjoni. Nifirħulhom minn qalbna.

# *Deċiżjonijiet 1* tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Kunsill tal-Malti għall-ħruġ ta' *Deċiżjonijiet 1* – ir-regoli l-ġodda tal-kitba Maltija. Il-ġabra tar-regoli li kellna sa issa ilha fis-seħħ mill-1924 bil-ħidma tal-aħjar kittieba tal-Malti ta' dak iż-żmien u fil-fatt għadha taqdina tajjeb ħafna. Persunaġġi kbar bħal Dun Karm, Ninu Cremona u Ġużè Muscat Azzopardi kienu ħadu l-interess jirregolaw il-kitba Maltija u għal dan il-għan ingħaqdu u waqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Kien żmien meta fl-Università ma kinitx tintgħallem il-lingwistika Maltija u meta l-kitba Maltija ma kellhiex importanza. B'nuqqasijiet bħal dawn, ix-xogħol tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti jistħoqqlu kull foħrija u l-akbar konferma waslet mill-Kunsill tal-Malti nnifsu li fid-deċiżjonijiet il-ġodda straħ fuq ir-regoli ta' qabel u applikahom biex jiċċara l-kitba ta' xi każijiet dubjużi.

L-Akkademja tal-Malti tifraħ lill-Kunsill li mexa maż-żminijiet u nqeda bil-lingwisti kkwalifikati u b'nies oħra esperti fil-Malti. Issa li għandna għadd kbir ta' studjużi tal-ilsien Malti, fosthom anki studjużi barranin, nieħdu pjaċir naraw il-kollaborazzjoni tikber. L-Akkademja tifraħlu fuq kollox talli d-*Deċiżjonijiet 1* wasal għalihom wara konsultazzjoni sħiħa mal-pubbliku, partikolarment il-kittieba, it-tradutturi u l-għalliema. Kulħadd seta' jaqra l-fehmiet ta' dawn il-ħaddiema tal-Malti fil-ktieb li tqassam b'xejn fis-seminar ta' Jannar 2007.

L-Akkademja tinnota bi pjaċir li għadd ta' membri tagħha taw il-fehma meqjusa tagħhom waqt il-konsultazzjoni li saret u xi wħud kienu wkoll attivi b'mod dirett fil-proċess li wassal għal dawn id-deċiżjonijiet. Għaldaqstant, tħeġġeġ lil membri oħra biex jagħtu fehmithom qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet li jmiss, li se jkunu fuq il-kitba tal-kliem li ġej mill-Ingliż.


DEĊIŻJONIJIET 1

tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-Varjanti Ortografiċi

Daħla



# Kilin

**Mikiel Spiteri twieled fl-20 ta' Awwissu 1917 fir-Rabat, Malta u ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo. Ħadem bħala uffiċjal tad-dwana u f'diversi dipartimenti tal-Gvern (1935-1975).**

L-ewwel xogħlijiet tiegħu letterarji kienu *Burdati* (1970) u *Burdati 71* (1971). Warajhom ġiet kollezzjoni ta' esejs fi *Tlikki Tlikki ma' Wenzu* (1972) u *Hawn Aħna, Wenz* (1991) imma l-aktar xogħol magħruf ta' Kilin jibqa' *Fuq il-Għajn ta' San Bastjan* (1973). *Wara l-Għajn ta' San Bastjan* (1994) u *Iż-Żmien Isajjar il-Bajtar* (1996) jissoktaw it-tifkiriet ta' tfulitu u żgħożitu. Fl-1973 rebaħ il-Premju Rothmans għal-Letteratura bid-dramm *Bl-Irġulija u bl-Onestà*, li deher fi ktieb bl-istess titlu flimkien ma' ġabra ta' novelli.

Kilin huwa l-awtur ta' erba' rumanzi: *L-Għafrit* (1975), *Tmint Ijiem fi Dragunara* (1984) – rebbieħ tat-tieni premju fil-Konkors Buġelli tal-1981, *It-Tapit Imsaħħar* (1995) u *Tinsiex, Publius, Tinsiex!* (2003). Fl-1998 ġabar in-novelli fil-ktieb *Għajnejn Kalanġ* li jiġbru 'kwadru morali' tal-ħajja, bil-ħelu u bil-morr tagħha. Huwa ttraduċa *L-Alla li ma Nemminx Fih* (1983) mill-Ispanjol u ħareġ sensiela ta' ħames kotba żgħar *Kappelli u Knejjes Żgħar* (1967), *Nistqarr* (1968), *Djar is-Sultana* (1969) u *Osanna* (1978). *Wayside Chapels* (1966) u *A Maltese Mosaic* (1990) huma l-verżjoni bl-Ingliż ta' dawn il-kotba.

Kilin baqa' jsemma leħnu fil-ġurnali, sikwit jilmenta fuq il-bidliet li għaddej minnhom ilsienna. Huwa ħalliena nhar it-8 ta' Lulju 2008 ftit xhur wara li f'għeluq id-90 sena l-Akkademja onoratu b'tifkira għall-ħidma sfiqa u bla heda għall-ilsien Malti.

# Pawlu Aquilina

**Pawlu Aquilina twieled nhar it-28 ta' Awwissu 1929 fis-Siġġiewi. Studja fis-St Michael's Training College u wara karriera ta' għalliem fl-iskejjel primarji tal-Gvern, fl-1957 inħatar bħala *scriptwriter* mad-Dipartiment tal-Informazzjoni mat-Taqsima tax-Xandir Edukattiv. Fl-1978 sar assistent surmast u fl-1986 laħaq surmast u baqa' f'din il-kariga sakemm irtira fl-1990**

Aquilina jibqa' magħruf bħala wieħed mill-aħjar qarrejja tal-provi. Kien ukoll poeta u xandar *Mill-Beraħ tal-Għelieqi* (1992), *L-Għanja Tiegħi lil Ħal Xluq* (2002), *Erġa' Semmagħli l-Għanja* (2006) u *L-Għanja Tiegħi lil Ħal Kbir* (2008). Xogħlijiet oħra tiegħu huma *Hawn Twieldet u Tibqa' Tħabbat Qalbi* (2004) u *Is-Siġġiewi u t-Toroq Tiegħu* li se jistampah il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Ħadem bis-sħiħ biex jara l-Malti miexi 'l quddiem u kien koeditur ma' Ġużè Diacono fl-edizzjoni riveduta tad-dizzjunarju Ingliż-Malti (5 volumi) ta' Dun Karm (1991-1993). Huwa ħa ħsieb it-traduzzjoni mill-Ingliż ta' *A Saint in a Hurry*, id-dramm storiku-reliġjuż *El Divino Impaciente* tal-poeta Spanjol José Maria Pemán. Traduzzjonijiet oħra tiegħu huma *St Vincent de Paule's Residence for the Elderly - The medico-social record* (1994) ta' Dr Paul Cassar; *Il-Ħobż Malti - Is-Sengħa tal-Furnar* (1994) tal-Monsinjur Hubert Chiron u *A Guide to the Passion - 100 Questions About the Passion of The Christ* (2004).

Aquilina ta s-sehem tiegħu fl-għaqdiet tal-Malti u xandar bosta programmi edukattivi għat-tfal tal-iskola. Mexa fil-passi ta' Patri Ġużè Delia, iħobb il-leġġendi u dejjem jikteb fir-rivisti tal-festa ta' San Nikola – ħafna drabi xi poeżija dwar il-Qaddis Tawmaturgu. Huwa miet fid-29 ta' Jannar 2009.



## Nifirħu lil…

**David Agius Muscat li nħatar Uffiċjal Edukattiv tal-Malti fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.**

**Olvin Vella li nħatar *Assistant Lecturer* mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.**

# Charles Clews



**Charles Clews jibqa' magħruf għall-umoriżmu tiegħu kemm fil-ġurnali kif ukoll fuq il-palk. Kien wieħed mill-kontributuri ewlenin tar-radju, karriera li beda permezz tar-Rediffusion. Huwa kiseb fama nazzjonali bir-Radio Muskettieri u l-iStage Commandos Variety Company li tagħhom kien kofundatur u li bihom fl-1945 il-kummiedja ħadet xejra ġdida u nfirxet fit-teatri ewlenin tal-gżejjer**

Clews twieled fis-27 ta' Settembru 1919 fl-Isla u tgħallem fil-kulleġġ tekniku tat-Tarzna fejn beda jaħdem bħala *surveyor*. Huwa beda l-karriera tiegħu bħala kummidjant fit-Tieni Gwerra Dinjija b'kunċerti lill-ħaddiema tat-Tarzna waqt il-ħbit mill-ajru bil-għan li jinżamm moral għoli qalb il-ħaddiema. Iċ-ċajt tiegħu kien jifqa' 'l kulħadd minkejja l-periklu tal-bumbardamenti. Fl-1947 l-iStage Commandos rebħu l-unur "Bajda u Ħamra" b'att wieħed maħdum fit-Teatru tar-Radio City. Miegħu kienu jaħdmu atturi magħrufin bħal Johnny Catania, Ġemma Portelli, Vitorin Galea, Johnny Navarro, Terry L. Bencini, Josette Ciappara, Nosì Ghirlando u Ġuża Caruana.

Fis-sebgħinijiet ħoloq l-avventuri ta' kull ġimgħa ta' "Fredu Frendo Sghendo" minn fuq ir-radju maħdumin minn Johnny Navarro. L-aqwa xogħol tiegħu jibqa' *It-Tieġ ta' Karmena Abdilla* li nħadem għal sentejn sħaħ fit-Teatru tar-Radio City u dar kważi l-irħula u l-bliet ta' Malta u Għawdex. Clews kien mistieden darbtejn l-Awstralja: l-ewwel żjara għamilha ma' Johnny Navarro f'Novembru 1964 u t-tieni waħda ma' Johnny Catania f'Novembru 1984.

Bejn l-1955 u l-1958 kien il-president tal-Kumitat tal-Bord taċ-Ċensura tat-Teatru u ċ-Ċinema. Huwa kien kontributur regolari fil-ġurnali u l-magażins għal 47 sena, b'kolonni umoristiċi f'*It-Torċa*, fl-*Antenna Magazine* u fil-gazzetta *Is-Sejħa tal-Ħbiberija*. Xogħlijiet oħra jinkludu: *Ali Babì*, *Ħotel Żewwiġni* u *Don Rodrigo* (kummiedji mużikali) u *L-Imgermda* (adattazzjoni ta' *Cinderella*). Prof. A. J. Arberry ittraduċielu *Dar fuq ir-Ramel* għall-*Maltese Anthology* u fl-1996 Charles Clews ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika (MQR).

Charles Clews miet fid-29 ta' Jannar 2009.

## L-Akkademja tal-Malti tissieħeb fil-*European Writers Congress*

**L-applikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti biex tissieħeb fil-European Writers Congress intlaqgħet u l-Akkademja ġiet approvata unanimament bħala membru sħiħ waqt il-laqgħa tal-bord tal-EWC tas-16 u s-17 ta' Jannar 2009. L-Akkademja applikat biex tissieħeb wara ħidma li saret mill-kunsill preċedenti mmexxi minn Dr Marco Galea. L-applikazzjoni għandha tiġi kkonfermata fl-assemblea ġenerali li se ssir wara l-konferenza *Mare Nostrum V* f'Marsilja fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2009.**

## Appoġġ għall-produzzjoni tad-diska kompatta *Ommi*




**L-Akkademja ngħaqdet ma' għadd ta' entitajiet li qed jisponsorjaw id-diska kompatta *Ommi*, bil-vuċi versatili ta' Doreen Galea u l-mużika tal-kompożitur Dominic Galea. *Ommi* tinkludi għażla ta' wħud mill-aqwa xogħlijiet mill-poeti romantiċi tagħna, minn Ġan Anton Vassallo sa Dun Karm u Manwel Agius.**